MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Numru. 1137/2011

**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**BAMBA GUMAR BAMAB IBRAHIM**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Bamba Gumar Bamba Ibrahim ta' 27 sena, bin Bamba Ibrahim u Andem Fati, mwieled Kosta tal- Ivorju, nhar l- 1 ta' Jannar 1986, residenti Hal- Far Open Centre, Hal- Far u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 39640A;

Talli;
1) Nhar id- 9 ta' Ottubru 2011 minn gewwa x- xatt ta' San Gorg, San Giljan, bil- hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id- delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun aggravat bil- valur

li jeccedi €232.93 izda ma jiskorrix l- €2,329.37 ghad-detriment ta’ Riccardo Bordignon u/jew persuna/i ohra;
2) Aktar talli nhar id- 9 ta’ Ottubru 2011 ghal habta ta’ 12.00hrs gewwa Triq Sant’ Andrija, San Giljan, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ PS 1437 Norman Xuereb u PC 1606 Robert Vassallo, fil- waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;
3) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is- servizz jew bil- hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta’ dan is- servizz u cioe’ fuq il- persuna ta’ PS 1437 Norman Xuereb u PC 1606 Robert Vassallo;
4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi volontarji ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ PS 1437 Norman Xuereb u PC 1606 Robert Vassallo u dan skont kif iccertifika Dr Thomas Armatys MD Reg No. 2788;
5) Aktar talli fid- 9 ta’ Ottubru 2011 u fix- xaharejn ta’ qabel f’ Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
6) U fl- ahharnett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fid-9 ta’ Ottubru, 2011, fil-bajja ta’ San Gorg, San Giljan, l-imputat kien intlemah minn xi persuni jipprova jiehu xi oggetti minn fuq persuni ohra li kienu fil-bajja. Dawn qabdu jghajtu, u l-imputat sar aggressiv u qabad ighajjat maghhom. Sar rapport lill-Pulizija li l-imputat kien wettaq tentattiv ta’ serq, u meta gew fuqu l-pulizija, hu ma qghadtx ghall-istruzzjonijiet taghhom u sar aktar aggressiv fil-konfront taghhom. Sussegwentement gie arrestat u tressaq l-ghada quddiem il-Qorti.

Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputat kien ipprova jisraq lil terzi mill-bajja ta’ San Gorg, fid-data indikata. Hu gie mwaqqaf minn persuni ohra u gie arrestat mill-Pulizija. Hekk kif irresista l-arrest, ikkaguna griehi hfief fuq il-Pulizija li marru jarrestawh. Ghalhekk, l-ewwel erba’ imputazzjonijiet jirrisultaw ampjament ippruvati.

Kwantu ghall-hames u s-sitt imputazzjoni, dawn ma rrisultawx, u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 41, 261, 267, 279, 96, 95, 221, 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- hames (5) u s-sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.
Issibu hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3) u r- raba’ (4) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------